# Hekk kien miktub

Ta' A. Cremona

KIEN għadu kif beda jaqleb għal-lejl, u d-dalma ta' fil-għaxija waqqħet f'daqqa u bdiet tinfirex fuq il-bini, is-swar, l-egħlieqi u l-widien tax-xaqliba tal-punent tal-Gżira, fejn sax-xitwa ta' l-1942 kotra ta' nies li kienu tbattlu mill-ibliet, u xi rħula tannaħa tal-Lvant, wara l-ewwel tehdida ta' attakki ħorox tal-għadu mill-ajru, kienu ġew ifittxu fejn jistkennu u jgħammru, kollha mwerwrin, min bil-lejl u min malli sebaħ, mgħobbijin b'sarar, jew b'xi bċejjeċ tal-għamara fuq karettun isuq warajhom. Kienet l-eqqel tax-xitwa. Dak il-ħin mal-bard u d-dlamijiet ta' l-ajru, innies kienet tħoss bħal kesħa oħra u swied ieħor f'qalbhi, għax qajla kien igħaddi lejl li fl-aħjar raqda, mal-għajta tas-sirena, ma kienx ikollha taqbeż minn ġewwa l-friex, titkebbeb minnufih u titlaq tiġri barra minn darha, xi drabi f'xita, riħ u kesħa li xxoqq l-għadam, biex tidħol tistkenn fl-eqreb toqba qabel ma l-għadu jilħaq jixħet mill-ajru l-bombi qerrieda tiegħu. Dak il-ħin ta' fil-għaxija dlonk kont tiltaqa' ma' xi missier u omm milfufin u mgħobbijin bil-firxa ta' bil-lejl ikarkru 'l uliedhom lejn ix-xelter; jew ma' xi xiħ jitkaxkar u jitwieżen mas-sieħba, jew ma' xi qatgħa nies oħra, uħud jieħdu l-mogħdija tal-foss għall-bokok ta'taħt il-blat, oħrajn jaqsmu l-ġonna u l-misraħ għad-daħla tax-xelter ta' taħt is-siġar... Id-dalma kienet ħbiet il-bini, it-triqat, u -bogħod il-bogħod, għelieqi, wileġ u għoljiet kienu wkoll indfnu ġewwa sħaba sewda. Xi xaqq ta' dawl beda jidher minn xi twieqi mhux mitbuqin għal kollox. Xi dawl deher ileħħ, jiġri u jgħib mill-mogħdija qalb is-siġar tat-trunċieri. F'daqqa waħda nstmagħu bħal ragħda l-ħsejjes ta' *car* miexi u jwatwat u jteptepiddwal ta' quddiem. Waqaf u d-dwal intfew. Waqqħet bħal ħemda.

Wara ftit, minn ġewwa trieq dejqa li tagħti għat-trieq il-kbira, dejqa wkoll, u tiftaħ għal fuq il-wesgħa li tifred swar u bini, instama' bħal tgedwid ta' talb. Il-leħen kien ġej minn ġewwa dar ta' dik il-ħara d-dejqa. Żewġ nisa, b'rashom imgeżwra, waħda ġewwa xall u l-oħra ġewwa ċulqana, weqfin fil-kantuniera ta' saq tat-trieq il-kbira, staqsew lil mara oħra li bexxqet it-tieqa ta' ar biswithom: "Fejn qegħdin jitolbu?" — "Kont sejra nistasi lilkom," wieġbet dik tat-tieqa.

"Qegħdin jitolbu għand wieħed joqgħod fil-ħara d-dejqa a'

hawn wara... għadu kif għadda Dun Viċenz mas-sagristan... daħal għandu. milli jidher biex jivvjatikah", qalet waħda mara li kienet għaddejja tgħaġġel, tross ma' għonqha t-truf tax-xalla; u waqfet fejn il-persjana tat-tieqa mbexxqa tkompli tgħid: "Xiħ ta' xi ħamsa u sebgħin sena. għażeb, joqgħod bieb ma' bieb mal-Lewżija. Bniedem mill-ibliet, iżda issa ilu żmien bid-dar f'dawn l-inħawi. Igħidu li fih xi sold sewwa. Niesu kollha ġew jarawh. Għadu kif wasal *car* mgħobbi b'xi nies mill-ibliet. Waqaf fil-kantuniera tal-ħara d-dejqa."

— "Ta' min igħidulu?" staqsiet l-oħra ta' wara l-persjana.

— "Igħidulu Feliċ it-Tuneżin. Dejjem il-Knisja ta' Ġieżu fil-għodu għall-quddiesa tas-sebgħa u fil-għaxija, ma' l-Ave Marija iqassat bil-kuruna fil-Kappella ta' San Ġużepp."

— "Jidhirli li nafu, iżda f'qalbi dejjem għidt li mhux minn dawn l-inħawi," qabżet waħda min-nisa tal-kantuniera.

— "Vitor tal-baqar li tagħtini l-ħalib għenelli tikri minn għandu dar kbira f'tarf Bur ir-Rhieb", issoktat dik tat-tieqa. "Jekk jiġi li jmut, qaltli, flusu jaqgħu kollha għand niesu, żewġ ħutu u wliedhom, u xi wlied l-aħwa li, milli jidher, la hu qatt ma ħabbel rasu bihom, u lanqas huma bih."

— "Igħidu li qatt ma ried jaf b'niesu għax beża' li jisirquh f'ħajtu", żiedet tgħidilha l-mara li kienet waqfet tkellimha.

— "U hekk se jisirquh f'mewtu. irid jew ma jridx", qabżet l-oħra li kienet tpeċlaq ma' seħbitha tal-kantuniera.

Sadattant it-tgedwid tat-talb naqas, tmewwet u, wara ftit, instama' wieħed igħid il-litanija u oħrajn iweġbuh... u fl-aħħar il-leħen ta' żewġ nisa li ftit ftit beda jintefa, bħal dawl li qed inin: "Ġesù ikollok ħniena minnu... agħtih il-mistrieħ ta' dejjem... Hekk ikun... hekk ikun..." U mbagħad ma nstema' xejn iżjed.

Fit-triq waqgħet sikta kbira—wara ftit, xi tieqa u xi bibien imbexxqa li minnhom kien jixref xi xaqq ta' dawl instemgħu jingħalqu... u, mat-tislim ta' "Saħħa" u ta' "Il-lejl it-tajjeb" ta' nies ġirien u l-ħoss ta' passi ta' xi ħadd li ħareġ minn xi bieb u kiser il-kantuniera, reġgħet waqgħet is-sikta, u d-dalma għattiet it-triq kollha.

* * *

Feliċ it-Tuneżin, kienet waslitlu s-siegħa li jitlaq minn din id-dinja u jħalli warajh l-eħrex ġlieda fost il-ġnus tad-dinja u oħra

ċkejkna, iżda mhux inqas ta' qilla, fost il-werrieta tiegħu. Bħalma smajnieha tgħid xi waħda minn dawk in-nisa tat-trieq fil-għaxija, x'ħin waqt il-mewt tiegħu kien hemm miġburin jitolbu madwaru niesu kollha, ukoll forsi dawk li kienu ilhom ma jarawh issnin. Feliċ ma kienx imqaxqax, iżda lanqas imbagħad ma kien igħum fil-ġid—għalkemm f'għajnejn ħutu, u t-tfal ta' ħutu, bniedem waħdu bħalma kien Feliċ, li mindu kien tifel dejjem qala' l-flus—ma setax ma warrabx kemxa flus ġmielha, barra milli kellu dik id-dar li kienet semmiet waħda minn dawk in-nisa li kienet isseksek fit-tieqa.

Nies Feliċ ma kenux ħlief żewġ ħutu nisa, iżgħar minnu, u wliedhom; u xi żewġ nisa oħra, miżżewġa, ulied ta' wlied l-aħwa, li malli semgħu li Feliċ qorob biex imut telgħu b'*car* minn Birkirkara, fejn kienu b'd-dar għal żmien il-gwerra, bil-ħsieb li jidħru dehra, u ma jħalluhx imut f'idejn il-barranin, billi kienu ħasbu li ħutu qajla fittxewh u hu qatt ma ħabbel rasu bihom.

Dolor, waħda minn ħutu, kienet armla; żewġha kien baħri fuq il-"Warrior", u fil-Gwerra l-Kbira, kien għereq mal-bastimenti fil-battalja ta' Jutland u ħalliha b'Rożina, tarbija ta' xhur, li issa, wara li kienet għaddiet l-isbaħ żmien ta' xbubitha bit-tama li ssib min jiġborha, meta kienet għoddha waslet biex tisboq l-għatba ta' żgħożitha, irnexxielha ssib żagħżugħ tamparha, li kien joqgħod fl-inħawi tad-Dejr, ftit bogħod minn darhom u li ma' niesu kien tala' mill-Birgu minn dar nofsha mġarrfa, b'nofs ħwejjiġhom mirdumin. Kellu s-sengħa ta' mastrudaxxa, iżda l-għodod tiegħu kienu għadhom mirdumin, ma kellux biex jixtri oħrajn, ħanut ma setax jiftaħ, u għalhekk ingaġġa suldat. Lil Rożina sar jafha minn xi ftit taż-żmien meta, waqt attakk mill-ajru, iltaqa' magħha f'xelter.

It-tieni waħda minn ħut Feliċ kienet Mananni, akbar minn oħtha Dolor, toqgħod l-Arċipiergu, il-Belt; kellha żewġha Majsi, baiklor, u dan l-aħħar kien refa' mix-xogħol tal-moqdief għax kien beda jħoss it-toqol tas-snin igħajjilu dirgħajh u kien iqatta' l-ġurnata jiggangma għall-gandoffli jew jagħmel il-gambli għassajd max-xtajta tal-port. Mananni, biex tgħin id-dar, kienet fetħet daqsxejn ta' ħanut tal-merċa, bl-erba' soldi li kienet warrbet, fil-waqt li binha, Pinu, biegħ id-dgħajsa ta' missieru u daħal ma' wieħed kuntrattur tal-ġebel isuqlu t-*truck*, u bintha, Wenza (li kienet ilha biex tiżżewweġ iżda l-għerusija tagħha qatt ma seħ-

ħet, jew għax l-għarus ma kienx jaqlagħha jew għax hi ma kellhiex biex tixtri biċċtejn għamara u tlaqqat il-ġhież), sabiex tgħin ruħha u tnaqqas it-tagħbija tad-dar, daħlet għax-xogħol tal-ħasil ma' mara li kienet taħsel u tgħaddi lis-suldati. Iżda l-attakki ħorox tal-għadu, għodwa waħda, kienu ġagħlu lil Manannì titlaq ma' żewġha u wliedha minn darha, wara lejl ta' *blitz* li kien waqqa' nofs id-djar ta' l-inħawi. Il-ħanut tagħha kien iltaqat u ġġarraf, u Manannì dlonk marret tfittex 'l oħtha, Dolor, li dik il-għodwa wkoll sabet ruħha bla dar, ftiehmet magħha, sarrew ħwejjiġhom, ġarru l-biċċtejn għamara li setgħu jiġbru minn qalb ir-radam tal-ġebel u telqu ma' oħrajn bħalhom għal għonq it-trieq, il bogħod mill-ibliet, lejn ix-xaqliba tal-punent tal-gżira fejn dehrilhom li l-balal tal-għadu ma jilħquhomx, bejn ir-Rabat u Ħad-Dingli, fejn wara li stkennew xi jumejn f'maqjel battal ta' razzett nofsu mġarraf qalb l-egħlieqi, irnexxielhom jikru żewġt ikmamar ta' biċċa bini qadima fit-trufijiet tad-Dejr.

Wiċċ ħuhom, li kien joqgħod ftit il bogħod minn dawk l-inħawi, ftit li xejn kienu jarawh u, meta waħda minnhom marret tħabbatlu l-bieb biex tgħidlu li hija u oħtha kienu telqu minn djarhom u nġabru flimkien, Feliċ bilkemm tħajjar jiftħilha l-bieb, ħallieha fuq il-għatba u weġibha xott xott.

Feliċ kien trabba s-Swejz ma' zijuh li kien għall-ewwel jipprovdi bil-faħam u mbagħad bil-proviżjonijiet lill-bastimenti millport ta' Aden. Hekk kif tfarfar u tħarreġ, ta ruħu għan-negozju tal-bhejjem tal-ksiba li minn Tunes kien igħabbihom għal Malta. Żgħożitu għaddieha aktarx fl-irziezet ta' barra l-belt ta' Tunes, fl-inħawi ta' Biskra, jew ta' Gafsa, u 'l hawn u 'l hinn jitlaqqa' ma' xi ħuttab tal-bhejjem fis-suq ta' Bab il-Hodra, u jbaħħar bilbhejjem minn Tunes għal Malta. Ħbiebu ta' Malta kienu qalgħuhielu t-Tuneżin, għax barra milli kienu jafuh dejjem bin-negozju tal-bhejjem f'dik il-belt, huwa kien ħa x-xeħta tan-nies ta' dik in-naħa sew f'ilbiesu, kemm f'surtu u kemm ukoll fi kliemu, li kien kollu Malti mħallat b'qawl Għarbi jew Franċiż... u dlonk kont tisimgħu joħroġlok b'xi waħda bħal din : *Allah ikattir khairek, ya sidi* jew b'xi oħrajn bħal dawn : *neharek sa'yid u mubârek; Sbaħ el-khair, ya ma'allem;* inkella jtaqtaqlek xi tnejn bħal dawn : *Ca va! Ma fois! Parbleau! Sacre mille bombes!* Meta kien jinżel l-art ta' Malta għal xi jumejn surtu u ħwejġu kienu dlonk jixhduh : kappell griż tal-feltru b'faldi kbar imniżżlin bil-

qorriegħa mdawra b'żagarella kaħla mixħuta 'a ġenbha fuq qatta xagħar imġiegħed, maktur ħamrani mal-għonq ta' qmis kaħla biż-żewġt itruf mgħoddijin minn ġewwa ċurkett bi tliet ħoloq; sidrija miftuħa tinqafel b'kurdun bil-boċoċ tal-għadam ħodor; ġlekk qasir tal-bellus kannella miftuħ għal kollox minn quddiem bil-pulzieri dojoq u qosra u madwar qaddu fuq iċ-ċinta ta' qalziet wasa' tal-bellus ikkurdunat, kannella wkoll, terħa mżewqa mkebba fil-wisa' li minn żaqqu kienet tasal sa nofs sidru; f'riġlejh par stvaluni tal-ġild oħxon b'pett ta' żewġt iswaba' ħxuna, li jaslu sal-għaksa bil-bofof tal-qalziet ħerġin minnu. Dan kien Feliċ meta kien għadu fuq tiegħu sakemm qaleb il-ħamsin.

Malli għaqqad kemxa flus sewwa li biha sata' jgħix, l-art ta' Malta reġgħet ġibditu. Għażeb, waħdu, u bla ebda ħadd minn niesu li jduru bih, bla ebda ħsieb, mill-banda l-oħra, li jgħammar u jitgħammar, imdorri fil-hena ta' dwejra ħiemda m'ngħajr ħadd ma jmerrih jew jiegħbu, waħħal f'rasu li jitfa' għal kollox riġlejh f'Malta u jibqa' jgħix waħdu. Sab daqsxejn ta' dar ċkejkna qadima Balzunetta u sakemm felaħ u sata', għax waħdu għal xi sentejn, jixtri u jsajjar hu, u xi biċċtejn ħwejjeġ taħsilhom il-ġara li kienet 'l hawn u 'l hinn tibgħatlu x-xbejba tagħha biex tnaddaflu d-dar, u lit-tifel biex jaqdih f'xi qadja l-bogħod. Tona, kif kien jisimha l-ġara, kienet romlot wara xi sena li Feliċ kien ġie joqgħod bid-dar ħdejha. Ir-raġel tagħha, li fil-gwerra l-oħra kien mar jaħdem f'Salonika, kienet ħakmitu l-malarja, marad b'qalbu u miet l-Isptar. Ċettina, bintha, li kienet tagħmel xi faċenda lil Feliċ wara ftit taż-żmien tgħarrset u żżewġet lil wieħed skarpan, jismu Bastjan, u oħtha Żeżin, akbar minnha, li kienet *barmaid* f'wieħed mill-ħwienet tax-xorb f'Balzunetta, iżżewġet ma' baħri u siefret. Feliċ, lil Ċettina kien taha biex tagħmel il-ġhież u tixtri biċċtejn għamara u lil ħuha Ċensu, li kien jaqdih, hekk kif laħaq mal-għoxrin sena, silfu somma flus biex biha jsiefer għall-Amerika u jfittex xortih. Tona, armla u bla tfal ma' saqajha, baqgħet tgħammar fiż-żewġ kmamar li kellha fil-kerrejja u ddur b'Feliċ, li billi beda jħoss it-toqol tas-snin jagħfas fuqu, ħass li kellu l-bżonn tal-għajnuna ta' mara li teħodlu ħsieb id-dar u ddur bih, u għalhekk, wara xi sena, ma damx biex ġabar miegħu lil Tona. Għalkemm hu kien igħodd wisq iżjed żmien minn Tona, in-nies bdiet issefsef u tqassas. Waħda minn ħutu, Mananni, l-iktar imqarqċa, hekk kif semgħet minn għand mara li tbiegħ il-

bajd f'Balzunetta u fl-Arċipiergu, illi ħuha daħħal miegħu lil Tona, marret tħabbat il-bieb ta' ħuha bil-ħsieb li titolbu jinġabar magħha, iżda meta Tona fetħet il-bieb u l-oħra staqsietha għal ħuha, dik weġbitha li huwa ħareġ, fejn ma tafx u lanqas meta jiġi, u għalqitilha l-bieb ma' wiċċha.

Billi r-raġel ta' Ċettina kien fetaħ ħanut ta' skarpan ir-Rabat fejn dan kien twieled u trabba, Ċettina, wara sena u nofs li żżewġet, kellha wkoll titlaq wara żewġha u tgħammar miegħu hemmhekk. It-tarbija li kellha għammidhielha Feliċ u ommha, u minn dak in-nhar tal-magħmudija Feliċ, bil-ħsieb li jitbiegħed ukoll minn ħutu u minn uliedhom, li ħabtu ġejjin u sejrin iħabbtulu l-bieb, imħajjar ukoll minn Tona li baqgħet marbuta ma' bintha, għamel il-ħsieb li jitla' jgħix ir-Rabat. F'erbat ijiem xtara dar kbira fit-trufijiet ta' Bur ir-Rhieb, iżda billi din kienet imbiegħda mill-qalba tar-Rabat u mid-dar ta' bint Tona, kera dar ċkejkna fil-ħara ta' wara l-bini tas-Saqqajja u d-dar li xtara krieha lil wieħed gabillott.

Feliċ, li kemm dam joqgħod ir-Rabat, tilef mhux ftit minn dik il-bixra wieqfa u ħajja ta' bniedem tas-safar, ilsienu ma baqax itaqtaq b'dak il-Malti mħawwad b'xi frażi Franċiża jew b'xi oħra Għarbija ta' Tunes—maż-żmien beda jħoss saqajh jitqalu u dlonk kont tarah jitkaxkar, miexi b'rasu mmejla lejn l-art, sieket u ħosbien, jitwieżen ma' daqsxejn ta' bastun—ifittex xi bank fil-ġnien ta' fuq it-trunċieri għal taħt xi siġra meta x-xemx kienet tisreġ, jew huwa u sejjer lejn il-Knisja fejn għal filgħaxija kien imur jgħid ir-Rużarju fil-Kappella ta' San Ġużepp.

Minn mindu kienet faqqgħet il-gwerra u sama' xi erba bombi tal-għadu neżlin jsaffru u jriegħdu l-art u jitfgħu r-riħ b'dik ilqilla li darba mal-lejl il-ħġieġ tat-twieqi ta' kamartu tfarrku, u nfetaħ il-bieb ta' barra u tgħawġu l-istaneg tal-bibien—huwa beda jħoss għall-ewwel darba l-bżonn li jagħmel ħabib ma' xi qaddis li jista' jgħinu biex iħarsu mill-hemm ta' dik is-siegħa tal-biża' li kellu jġarrab fl-aħħar ta' ħajtu. Hu li kien għamel żmien ibaħħar u ra kemm-il-darba l-mewt fil-ħalel ta' baħar qawwi li dlonk kien jiltaqa' miegħu fil-fliegu ta' bejn Pantallerija u Kap Bon, qatt ma baża' u tkexkex daqs kemm f'dawk l-attakki ħorox talgħadu mill-ajru fuq il-bini tal-Gżira. Min jaf kemm-il-darba filgħaxija, meta kien ikun qiegħed joftor bl-aħħar bukkun f'ħalqu qabel ma jidħol f'soddtu, kellu jirkebbeb u joħroġ fl-eqqel taxxitwa minn daru mas-sieħba Tona biex jistkenn fl-eqreb xelter

u jgħaddi xi żewġt iljieli mejjet bin-ngħas u b'riġlejh kesħin fuq maqgħad taħt il-blat. Meta mbagħad kien jara l-ħerba ta' bini mwaqqa' bil-bombi f'postijiet li qatt ma tobsorhom, qalbu kienet ittaqtaq u jistenna li mil-lum għall-għada l-bini tiegħu jiġifieu l-istess xorti. Wara kull attakk, hekk kif joħroġ mix-xelter, dlonk kien jistaqsi fejn ġew il-bombi u, malli jkun jaf li waqgħu mbegħdin mil-bini tiegħu, kont tarah jieħu nifs qawwi u jiżżiħajr lil San Ġużepp li kien qed iħarisulu. Tħabbeb ma' xi patrijiet u ma' xi fratelli tax-Xirka ta' San Ġużepp u tħajjar jidħol u jilbes fratell, u, biex iwettaq ix-xewqa tiegħu, għamel f'rasu li l-biċċa l-kbira ta' ġidu jħalliha quddies għal ruħu u li dawn jitqaddsu fil-Kappella ta' San Ġużepp f'Ta' Ġieżu.

* * *

Kien il-bidu tax-xitwa. Lejl wara lejl il-għadu kien ħadha bi drawwa li f'ħin jew ieħor jiġi jżurna b'mewġa wara l-oħra ta' ajruplani jiżirgħu l-balal fuq l-ajrudromi, fuq l-imħażen tal-port, fuq il-fosos tal-qmuħ, fuq il-kwartieri u bereġ u 'l hawn u 'l hinn, fuq xi kampijiet u batteriji, u n-nies kien ikollha tqum minn sodditha, taħtaf xi għata jew biċċa ħwejjeġ biex titkebbeb fiha u titlaq tiġri lejn xi toqba tal-kenn fil-qrib, xi minn daqqiet meta l-għadu jkun qorob sewwa u hedded li jilħaq qabel ma jkollha żmien tistkenn.

Kienet lejla mudlama, b'riħ kiesaħ u jonfoħ, u r-raxx taxxita tħabbat ma' l-uċuħ tan-nies sejrin jiġru lejn ix-xelter waqt li s-sirena kienet għadha tnewwaħ. Feliċ jitwieżen fuq il-bastun, b'rasu mkebba b'xalla tas-suf li biha kienet titieħef ommu b'xi ħass ħażin, imqabbad ma' dirgħajn Tona tkaxkar mal-ġirien lejn ix-xelter tal-kantuniera tat-trieq li kienet tagħti għal quddiem il-wita b'għalqa mħarbta u b'ħitan imwaqqgħa u b'siġar maddawra ta' mogħdija għall-ġnien.

Dak il-lejl Feliċ ma' Tona kien għaddieh bħal bosta drabi oħra bilqiegħda fuq siġġu qadim bid-dirgħajn, b'daqsxejn ta' kutra fuq saqajh u b'rasu u għonqu mgeżwrin ġewwa x-xalla. Kien għadu dlam ċappa meta ftit qabel is-sebħ, wara li s-sirena ħabbret b'leħen qawwi illi l-għadu kien tbiegħed, Feliċ ma' Tona u n-nies l-oħra ta' ġewwa x-xelter kienu ħarġu biex jerġgħu jidħlu fi djarhom. L-ajru kien għadu kiesaħ u r-riħ tqawwa. Hekk kif Feliċ kiser il-kantuniera, buffura riħ xeħtitu lura u kien għoddu ħar fl-art li kieku Tona ma laqgħetux bil-ftit tas-saħħa li kien

fadliiha, iżda fit-taħbila x-xalla nħallitlu minn għonqu, ħass bħal kesħa ddur ma' rasu u tkexkixa bard tiġri ma' ġismu kollu.

Minn dik il-għodwa Feliċ baqa' immantar, naqaslu l-aptit, wara erbat ijiem tah uġigħ ta' ras qawwi, reżħa kbira u għal fil-għaxija, wara li ġie mill-Knisja, fejn bilkemm felaħ jgħid erba' posti rużarju quddiem l-artal ta' San Ġużepp, daħal fis-sodda u l-għada ma qamx. Qabdu d-deni, qtigħ ta' nifs u, wara tlitt ijiem lehġa kbira. Għamel jumejn ihewden; it-tabib qata' jiesu minnu.

... U kienet dik il-lejla, kif ħabat jidlam, meta dawk iż-żewġ nisa weqfin fil-kantuniera tas-sqaq tat-trieq il-kbira li semmejna qabel, kienu semgħu t-tgedwid ta' nies jitolbu, illi r-ruħ ta' l-imsejken Feliċ kienet ħierġa minn ġismu biex titlaq minn din id-dinja. Dik il-lejla kienu miġburin madwar is-sodda ta' Feliċ, iż-żewġ ħutu Dolor u Mananni, żewġha, uliedhom il-bniet, żewġ waħda minnhom, iż-żewġ nisa, ulied ulied l-aħwa miegħu, li telgħu b'*car* minn Birkirkara, fil-waqt li Tona, ħosbiena u mnikkta, ma ċċaqalqitx minn fejn rasu. Bintha, Ċettina, kienet f'kamra tgħin lil ommha fil-bżonnijiet tad-dar. Mal-lejl Feliċ qabditu l-ħuħħara u miet.

Malli Feliċ għalaq għajnejh, wieħed minn tal-Fratellanza ta' San Ġużepp, li kif qalu, kien il-Prokuratur tal-Kaxxa ta' l-Erwieħ, sejjaħ f'rokna lil Tona u deher li għamlilha ħafna mistoqsijiet. Wiċċ Tona, li għalkemm ma kienx jidher hekk imnikket daqs kemm ħosbien, issaħħab u nbala'. Il-Prokuratur, milli jidher, staqsieha xi ħwejjeġ li ħasduha. Wara xi ftit tas-skiet, ħaditu f'kamra ċkejkna u mwarrba, li tinżel għaliha b'xi sitt tarġiet mill-kamra tal-mejjet, u waqfet quddiem senduq.

— "Iċ-ċavetta fejn hi?" staqsieha l-Prokuratur. — "Naħseb li qiegħda fil-kexxun tal-gradenza ta' ma' ġenb is-sodda", wieġbet minn taħt l-ilsien Tona. — "Hu ħsiebha u tafdaha lil ħadd", issokta jgħidilha l-ieħor, "sakemm jinfetaħ it-testment".

Hut il-mejjet li għajnejhom ma qalgħuhomx minn fuq Tona fil-waqt li kienu qegħdin igedwdu r-rużarju għal ruħ ħuhom u kultant jimsħu xi demgħa minn xfar għajnejhom, bdew iħarsu minn taħt lejn xulxin u jitkellmu b'għajnejhom meta raw lil dawk it-tnejn jitħaddtu fir-rokna u mbagħad jiċċaqalqu u jinżlu t-taraġ flimkien. Waħda minnhom, Mananni, tħarrket minn fejn kienet u niżlet isfel fejn kien hemm bintha Wenza u l-qraba l-oħra fil-bogħod u qabdet issefsef u tissaħħan f'telfa liema bħalha.

*(Jissokta f'ħarġa oħra)*